KLR 7/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu 2013 fis-18.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**1. Talba**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat.

**2. Offerti:-**

**2.1** ***Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project "Setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historic Trial"***

Din l-offerta għalqet nhar id-19 ta' Awwissu 2013 u l-offerti nfetħu dak in-nhar stess. F'dokument A anness hemm imniżżla l-prezzijiet offruti. Billi ż-żewġ offerti qabżu l-estmi li l-Kunsill issottometta fl-applikazzjoni tal-ERDF, il-membri unanmimament qablu li din l-offerta taqa' skont *Vol. 1, part F, note 33.4 (d)* ta' l-istess dokument tal-offerta. Wara l-għaxart ijiem tal-appell il-Kunsill ser jerġa joħroġ offerta oħra. Fl-offerta l-ġdida għandu jiġi speċifikat li s-sorveljanza tal-arkeologu u l-ispejjes tal-gwarjdjani lokali għandhom ikunu f'idejn il-Kunsill.

**2.2** ***Supply and Delivery of light Fittings and Luminaires for the Heritage Trail Project in Victoria, Gozo***

Din l-offerta inħarġet mingħajr l-installazzjoni tad-dawl. Dan mhux kif il-Kunsill ta struzzjonijiet lill-Enġiniera li preparaw id-dokument tal-offerta. Barra minn hekk l-istess offereta kif ħarġet kellha tiġi ppublikata fl-*Official Journal* tal-Unjoni Ewropeja. Biex ma jkunx hemm riskju li jintilfu l-fondi, il-membri qablu li din l-offerta titwaqqa skond *Vol. 1, part F, note 33* ta' l-istess dokument tal-offerta. Wara l-għaxart ijiem tal-appell il-Kunsill ser jerġa joħroġ offerta oħra li tkun tinkludi is-*supply, delivery, installation, testing* u *commiossioning* tad-dawl kollu tal-porġett.

## 3. *Update* proġett tal-*playing field*

Is-Sindku għarraf lill-membri li fuq il-kas ta' appell li kien ressaq Gatt Tarmac Ltd. il-Qorti kkonkludiet li l-PCRB kellha tisma' l-kas li tressaq minn din il-kumpanija. Għaldaqstant ix-xogħol fil-*playing field* ma jistax jinbeda qabel il-PCRB tisma' l-kas imressaq. Il-membri qablu li sadanittant l-*area* għandha tiġi magħluqa bil-*hoarding*. Il-membri ġew mgħarrfa li nbeda x-xogħol ta' monitoraġġ mill-arkeoloġista u t-*technical conslutants* qed jikkordinaw mal-kuntrattur tad-dawl sabiex jinbeda dan ix-xogħol.

## 4. Ħruġ ta' offerti

### 4.1 Tindif ta' Toroq

Il-kuntratt preżenti għalaq fl-1 ta' Awwissu 2013 u l-membri qablu li terġa tinħareġ offerta oħra. It-tibdiliet li se jsiru huma li l-qtugħ ta' ħaxix ħażin jiġi nkluż max-xogħol u anke' tiżdied klawżola li jitbattlu l-*animal litter bins*. Dawn tal-aħħar, il-Kusill ser ipoġġi minnhom fit-toroq fix-xhur li ġejjin. Id-dokument tal-offerta jinsab anness f'dokument B.

### 4.2 Tindif ta' Latrini Pubbliċi

Il-membri qablu li qabel tinħareġ din l-offerta l-Kusnill għandu jara kif il-latrini jistgħu jiġu *up-graded* bħal dawk tal-Belt Valletta.

## 5. Approvazzjoni tal-Kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet pendenti u dawn skond dokument Ċ anness.

## 6. *Weekend Break*

Il-membri qablu li jiġi organiżżat *weekend break* kulturali f'Malta bejn l-20 u t-22 ta' Settembru 2013. Fost il-postijet proposti l-membri qablu li nżuru l-Preisdent ta' Malta u l-akwarjum il-ġdid f'Buġibba.

## 7. *Transport Malta* – Korrispondenza

Tressqet din il-korrispondenza mingħand *Transport Malta* (TM):-

7.1 Ġie approvat parkeġġ riservat għal-sitt xhur quddiem ir-residneza ta' Giorgio Grech, ta' 'Gorcet', Triq it-Tabib Anton Tabone.

7.2 Ġie approvat parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' għal sena quddiem ir-residenza ta' Angela Grech, 81, Triq Sant' Ursola.

7.3 Applikazzjoni ġdida għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Mgr Joseph Farruġia,77, Triq Sant' Ursola. Il-Kunsill ser jibgħat il-formola mimlija kif mitlub.

7.4 Applikazzjoni ġdida għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Anthony Muscat, Blk HB, Flat6, Taċ-Ċawla. Il-Kunsill ser jibgħat il-formola mimlija kif mitlub.

7.5 Ġew mitluba l-veduti tal-Kunsill rigward *trackless train bay* biex issir fi Triq Salvatore Psaila biswit il-*Bus Terminus*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dmenti li jitħalla aċċess liberu fil-bankina għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti.

7.6 Ġew mitluba l-veduti tal-Kunsill rigward *taxi stand* ġdida qrib il-mina l-kbira qabel tidħol fi Pjazza Katidral. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.7 Rigward it-talba biex isiru *road markings* fl-*area* ta' Triq Wied il-Lunzjata u t-Telgħa ta' Majru, it-TM ħarġet il-premess dment li jitranġa l-*alignment*. Il-membri qablu li l-Kunsill ta' Kerċem jiġi mgħarraf b'din il-korrispondenza;

7.8 TM infurmat lill-Kunsill li qed teżamina t-talba tal-Kunsill sabiex t-toroq Karlu Galea, Universitas, tal-Far, Kunsill Ċiviku, Viani u l-parti t'isfel ta' Fortunato Mizzi jiġu nklużi fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat;

7.9 Dwar it-tabla tal-Kunsill sabiex it-toroq Dun Pawl Micallef u San Ġwann Bosco biex jiġu nklużi fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat, TM talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat lil-istudji rikjesti mir-regoalmenti;

7.10 TM ma ssibx oġġezzjoni li jinżebgħu *double yellow lines* biswit garaxx fi Triq Pompei. Ta' min jinnota li s-sid il-propjeta' quddiem fejn hu mitlub li jinżebgħu dawn is-sinjali qed joġġezzjoni. TM ukoll kienet infurmat bil-miktub lill-Kunsill li f'każijiet simili aħjar ikun hemm armonija bejn il-ġirien. Il-Kunsill mhux tal-opinjoni li dawn jinżebgħu.

7.11 Rigward it-tabla tal-Kunsill biex issir tabella – *Parking for Light Vehicels only* – fi Triq il-Kastell, TM għarrfet lill-Kunsill li dan it-tip ta' sinjal mhux inkluż fir-regolamenti tat-traffiku.

7.12 TM ma ħarġitx il-permess għal *un/loading* quddiem il-ħanut Agri 7 Pet Supplies ta' Triq Fortunato Mizzi. Dan minħabba li mhux eliġibbli.

7.13 Inħareġ il-permess sabiex jinżebgħu żewġ parkeġġi fi Triq Dun Pawl Micallef qrib Triq Għar Gerduf.

7.14 Rigward it-talba biex ma jgħaddux vettri tqal minn Triq Vajrinġa u Triq Sir Arturo Mercieca, TM talbet ritratti tat-toroq Kapillan Ħili u l-Isptar San Ġiljan fil-Fontana u talbet ukoll rotta alternattiva għal dawn il-vetturi tqal. Il-membri qablu li r-rotta alternattiva għandha tkun minn salib it-toroq lejn l-Għasri.

7.15 Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex fi Triq Santa Dminka kantuniera ma Triq Karolina Cauchi, sa quddiem il-garaxxijiet, isir *double yellow line.* Dan minħabba li qed jipparkjaw fil-kantuniera u quddiem l-istess garaxxijiet.

7.16 Jimmy Gauci li hu sid *stall* nru. 5 tal-monti Pjazza Indipendenza talab *double yellow line* biex isir mal-bankina qrib din l-i*stall*. Dan minħabba l-fatt li l-aċċess għal-pjazza qed jiġi ostakolat bil-vetturi pparkjati eżatt ma xulxin. Ser jintalab il-permess ta' TM.

7.17 Michael Camilleri ssuġġerixxa li jsiru *parking bays* immarkati fid-daħla tal-Lunzjata qabel tidħol mill-mina. Ser tintalab il-pjanta tal-Perit biex imbgħad tiġi approvata mit-TM.

7.18 Anthnony Saliba talab *single metre yellow line* biswit il-garaxx tiegħu ta' 29, Triq il-Kunsill Ċiviku. Ser jintalab il-permess ta' TM.

7.19 Tressaq rapport tal-Pulizija rigward il-parkeġġ fl-*area* ta' Pjazzetta Patri Akkursju Xerri. Il-membri qablu li tintalab pjanta tal-Perit fejn ikun hemm indikati l-parkeġġi u jitħalla aċċess għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti fid-daħla tal-isqaq li hemm f'din il-pjazzetta.

7.20 Intalbet *un/loading bay* quddiem il-ħanut X-Treme Technologies ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier. Ser jintalab il-permess ta' TM.

7.21 Michael Attard li ressaq ritratti ta' vetturi pparkajati illegalment fi Triq Sir Arturo Mercieca qrib l-ETC. Konsegwenza ta' dan meta jgħaddu vetturi tqal ġieli jintlaqtu xi galleriji. Il-Kunsill kemm il-darba ġibed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali rigward dan u l-membri qablu li jittieħed ukoll il-parir ta' TM.

7.22 Tqajjmet il-kwistjoni tat-*traffic lights* li għandhom jintużaw mis-sewwieqa tal-*buses* fil-bokka ta' Triq taħt Putirjal minn naħħa ta' Pjazza San Franġisk. TM għandha tiġi mistoqsija rigward din il-materja.

**8. Korrispondenza**

Il-Viċi Sindku ġie skużat u ħareġ mill-laqgħa.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 l-Inġ. Joseph Bajada mis-Sezzjoni Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn bgħat kontijiet tad-dawl u ilma tal-latrini tar-Rabat. Dawn il-kontjiet m'humiex f'isem il-Kunsill Lokali iżda f'isem din it-Taqsima. Il-Kunsill ma jistax iħallas kontijet li m'humiex f'ismu;

8.2 Edward Borg fejn irrapporta li fi Triq iċ-Ċangar hemm xi xquq f'nofs it-triq. Hu qed jibża' li l-ima tax-xita jista jidħol fid-djar. Il-Kunsill kien bgħat il-Perit jara x'hemm u qed jistenna l-parir tiegħu;

8.3 John B. Pace fejn bħat kopja ta' korrispondenza li ntbgħatet lill-Ministru għal Għawdex rigward il-problemi li hemm fi Pjazza San Franġisk;

8.4 Anġelo Camilleri fejn ilmenta bil-bejjiegħa li qed ibiegħu minn ġo parkeġġi li suppost jintużaw mis-sewwieqa. Il-Kunsill qatt ma ta permessi simili u dan ġie rappurtat diversi drabi lill-Pulizija;

8.5 Id-Dipartiment għal-Gvern Lokali (Memo 18/2013) rigward il-*Car Free Day*. Din l-attivita' ser jieħdu ħsiebha iż-żgħażagħ tal-Oratorju Don Bosco;

8.6 Id-Direttorat tal-Artijiet fejn inħareġ il-permess għall-imwejjed u siġġiet tal-ħanut *Cupcake* fi Triq Salvatore Psaila;

8.7 L-ETC fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li Emanuel Buġeja ġie referut biex jipparteċipa fl-siekma xogħol fil-komunita' mal-Kunsill tar-Rabat Għawdex;

8.8 Mons. Joseph Farruġia fejn issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel senjalazzjonijiet turistiċi tal-mużew 'Il-Ħaġar'. Il-membri qablu li dawn isiru mas-senjalzzjonijiet turistiċi oħra li l-Kunsill għandu jagħmel;

8.9 Id-Direttorat tal-Protokol fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li qed jimxi tajjeb meta f'attovitajiet organiżżati minnun is-*seating* ikun hekk:-wara l-Ministru u s–Segretarji Parlamentari jitpoġġew id-Deputati f'ordni aplfabetika, irrispettivament liema partit jirrapreżentaw fil-Parlament. Mill-protokol indikaw li mhux neċessarjament li d-Deputati jitpoġġew f'ordni alfabetika u jistgħu jitpoġġew bħala grupp;

8.10 Tony Cauchi fejn talab permess biex ipoġġi magna awtomatika li tbiegħ is-*soft drinks* fi Pjazza Savina. Il-membri ma qablux u għandhom jintalbu l-permess tal-MEPA u tad-Direttorat tal-Artijeit lis-sidien ta' dawn il-magni li hawn fiċ-ċentru tar-Rabat;

8.11 Gordon Grech li bagħat kopja ta' *email* li ntbagħtet lill-Kummisarju tal-pulizija rigward il-ġarr tan-nar tal-festi f'Għawdex. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jikteb lill-Kummissarju fejn juri l-preokkupazzjoni tiegħu minħabba l-fatt li n-nar tal-festi li għad kif għaddew ma tħalliex jgħaddi minn ċerta rħula Għawdxin. Il-Kunsill għandu jiġi konsultat kif ġew ikkonsultati lokalitajiet oħra f'Għawdex u fin-nuqqas ta' dan ser jieħdu l-passi neċessarji u anke' jinżamm responsabbli minn ikun ħareġ il-peremess għall-ġarr tan-nar u għal kull ma jista' jinqala.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jitpoġġew aktar *litter bins* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*;
9.2 l-gwardjani lokali jiġu nfurmati li wara li jżarma l-monti qed jitħalla ħafna ħmieġ. Il-gwardjani lokali għandhom jissorveljaw il-post f'dan il-ħin.
9.3 l-gwardjani lokali għandhom iżidu s-sorveljanza f'ħinijiet varji fi Pjazza San Ġorġ u fi Triq Enriko Mizzi;
9.4 jiġi suġġerit lill-Green Pak sabiex issir ġabra speċifika tal-iskart separat, iġġenerat mill-ħwienet tar-Rabat;

9.5 l-Koperattiva Ndafa Pubblika għandha teħel multa minħabba li meta bdiet titħaddem is-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart separat, ma kienx jinżamm il-ħin kif mitlub;
9.6 titkompla l-bankina quddiem dar li kienet qed titranġa fi Triq Ġuże' Cremona;
9.7 tinbidel bankina fi Triq Wied Sara;
9.8 l-*electrician* jara li m'hemmx dawl perikoluż fil-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone;
9.9 terġa ssir it-*traffic mirror* li tkissret fit-Telgħa ta' Majru;
9.10 tiġi sottomessa applikazzjoni tal-MEPA sabiex jinżabbru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir ta'wara l-*bus terminus* u ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex;
9.11 jekk ma ssirx ħsara, jintefa aċtu biex Triq Palma u Triq Mons. Ġużeppi Farruġia ma jibqgħux jiżolqu;
9.12 tintalab l-esproprazzjoni ta' parti minn għalqa li għada ħierġa l-barra mill-bini fi Triq Aniċi;
9.13 l-Kunsill jipparteċipa fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja u l-ispejjes m'għandhomx jaqbżu l-€120;
9.14 l-Kunsillier Debrincat ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill fil-Kumitat fuq l-Indafa f'Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.
9.15 jinħarġu l-permessi biex jittella il-*musical* ta' Dun Ġorġ Preca. L-ispiża m'għandiex taqbeż il-€150.

9.16 Ġiet diskussa l-problema li qed ikun hawn bil-vettri pparkjati illegalment fid-daħla ta' Triq Sir M'Anġelo Refala, eżattament wara l-Banca Giuratale.

9.17 Tressqet stima tal-Perit rigward il-livellar ta' parti minn Triq Mons. Ġużeppi Farruġia. Din tammonta għal-€4,207.50. Il-membri qablu li jintalbu tlett stejjem u x-xogħol isir jekk wara ma jkunx hemm ilma tax-xita li jaqa' quddiem residenzi oħra.

9.18 Il-membri ġew mgħarrfa li ġie ffirmat il-kuntratt mal-KIP Għawdex rigward il-ġbir tal-iskart domestiku. Dan fl-1 ta' Awwissu 2013.

Il-laqgħa spiċċat fid-20.45.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |